**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 30 ta' Gunju, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 5/2021 AF**

**L-Avukat Dottor Martina Farrugia bhala prokuratur specjali tas-socjetà NT Bunkering AS ta' Liimi 1, 10621 Tallinn, Estonia**

**vs**

**Armada Voyager Two Co. Ltd (C-48216)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-Avukat Dottor Martina Farrugia bhala prokuratur specjali tas-socjetà NT Bunkering AS ta' Liimi 1, 10621 Tallinn, Estonia, li permezz taghha wara li gie premess illi:

Is-socjetà rikorrenti NT Bunkering AS tissuplixxi prodotti ta' *marine fuel*, liema socjetà tat erba' (4) provisti ta' *bunker fuels* lil bastiment M/V Captan Nagdaliyev IMO Nru 9575307 proprjetà tas-socjetà intimata Armada Voyager Two Co. Ltd. Kopja tat-Transcript of Registry mahrug mir-Registru tal-Bastiment Merkantili f'Malta bhala Dok. CN1.

Dawn il-provisti jammontaw ghas-somma globali ta' mitejn hamsa u ghoxrin elf, tlett mija hamsa u sebghin Dollaru Amerikan (USD 225,375) ekwivalenti ghal mija erba' u tmenin elf, erba' mija u sitta u erbghin Ewro u hamsa u tletin centezmu (EUR 184,446.35) skond ir-rata tas-skambju hawn anness u mmarkat Dok. CN2. Il-fatturi relevanti flimkien mal-*Bunker Order Confirmation* u l-*Bunker Delivery Notes* relattivi huma hawn annessi u mmarkati bhala Dok. CN3 – CN6.

Skond il-fatturi annessi, kien hemm hamsa u erbghin (45) gurnata zmien mill-gurnata tal-hrug tal-istess fatturi sabiex il-fatturi jithallsu. Illi dan iz-zmien skada u ghalhekk dawn is-somom huma dovuti.

Skond it-termini u kundizzjonijiet tas-socjetà rikorrenti hawn annessi u mmarkati Dok. CN7, hija ghandha tithallas penali amministrattiva ta' hames mitt Dollaru Amerikan (500USD) fejn hemm dewmien fil-hlas. Il-penali amministrattivi applikati ghal erba' fatturi jammontaw ghas-somma ta' elfejn Dollaru Amerikan (USD 2,000) u ghalhekk dan l-ammont huwa ekwivalenti ghal elf sitt mija, sitta u tletin Ewro u tmenin centezmu (EUR1,636.80).

Dan ifisser li s-somma globali ta' mija sitta u tmenin elf u tlieta u tmenin Ewro u hmistax-il centezmu (EUR186,083.15) hija dovuta lis-socjetà rikorrenti.

Kif jidher mill-fatturi annessi, s-socjetà rikorrenti ikkuntrattat originarjament mas-socjetà Turkija Palmali Gemicilik Ve Acentelik A.S., liema socjetà tifforma parti mill-Palmali Group of Companies flimkien mas-socjetà proprjetarja tal-bastiment Armada Voyager Two Co. Ltd.

Minhabba l-fatt li l-Palmali Group of Companies kienu f'qaghda finanzjarja hazina, il-Chairman tal-Grupp Mansimov Mubariz Gurbanoglu ffirma ittra ta' garanzija indirizzata lis-socjetà rikorrenti fejn rabat il-kumpannija kollha tal-grupp inkluz is-socjetà intimata, solidatament bejniethom, ghad-djun relatati mal-provista ta' *bunkers* lil bastimenti ta' Palmali Group.

Ghalhekk is-socjetà intimata hija solidatament responsabbli ghal hlas ta' dan l-ammont ai termini tal-garanzija mahruga fil-15 ta' Mejju 2019 fejn intqalet:

> *"In case of bunkers provided to a Palmali vessel is not paid by due date and also not paid during additional time given for settlement by relative notice, all companies shall be responsible for the debt jointly and severally, further NT Bunkering shall have a right to set-off all due amounts from charter-hire payable for MV Natig Aliyev, currently chartered by NT Bunkering."*

Kopja tal-garanzija hawn annessa u mmarkata Dok. CN8.

Manzimov Mubariz Gurbanoglu li ffirma l-garanzija, huwa d-direttur, ir-rapprezentant legali u r-rapprezentant gudizzjarju wahdieni tas-socjetà intimata skond estratt mehud mir-Registru tal-Kumpanniji hawn anness u mmarkat bhala Dok. CN9.

Jinghad ukoll li s-socjetà Luminor Llising AS, li kienet indikata fuq il-fatturi tal-hlas bhala r-recipjenti ghal hlas, indikat b'mod kategoriku li l-flejjes ghandhom jithallsu lil NT Bunkering AS u mhux lilha u dan permezz ta' ittra datata 6 ta' Mejju 2020, hawn anness u mmarkat bhala Dok. CN10.

Is-socjetà rikorrenti interpellat lil Palmali Group diversi drabi sabiex ihallsu l-fatturi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u sa fejn taf is-socjetà esponenti nomine, s-socjetà intimata m'ghandha ebda eccezzjoni valida x'taghti in konnessjoni mat-talbiet attrici.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjetà rikorrenti bid-dispensa tas-smiegh tar-rikors ai termini tal-Artikolu 167/170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lis-socjetà intimata sabiex thallas lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' mija u sitta u tmenin elf u tlieta u tmenin Ewro u hmistax-il centezmu (€186,083.15) oltre l-imghax legali mid-data indikata ghall-hlas fil-fatturi rispettivi sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimata minn issa in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi, minkejja li saret lilha d-debita notifika, s-socjetà intimata naqset milli tikkontesta t-talba. Lanqas ma deher hadd fl-udjenza biex jirrapprezentaha.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba;

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lil Armada Voyager Two Co. Limited thallas lir-rikorrenti s-somma ta' mija u sitta u tmenin elf u tlieta u tmenin Ewro u hmistax-il centezmu (€186,083.15) bl-imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mis-socjetà intimata.

IMHALLEF

DEP/REG